**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 66

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 20 ta' Mejju 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Daniel Mallia il-Viċi Sindku kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv
Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

66.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 65

66.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħamsa u sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

66.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

66.2.3 Fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muschia, li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, l-minuti tal-ħamsa u sittin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-fondi tal-Lesa biex jinbidel parti mill-pavimentar fil-ġnien pubbliku, Ċentru Rikreattiv, fejn il-Kunsill Lokali ġie preżentat b'ittra ta' aċċetazzjoni ta' €36,000.00 għal dan il-proġett biex meta l-Kunsill il-ġdid jinħatar jibda jaħdem fuqha.

66.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-immaniġjar tat-traffiku f'Ħal Mann fejn spjega li xi ħmistax ilu rċevejna imejl fejn talbuna naċċettaw diversion tat-traffiku ġewwa l-akkwati ta' Ħal Mann sakemm qiegħed isir il-proġett fi Triq Pantar. Is-Sindku talab meeting mal-Perit inkarigat u dan verbalment iddikjara li ma jarax problema li kollox jibqa' hekk kif inhu, iġifieri dak il-pjan kif kien mifthiem ma' Transport Malta ftit tal-ġimgħat ilu. Is-Sindku kompla jgħid li kif wasal il-weekend 18 u 19 ta' Mejju isir kollox bil-maqlub iġifieri skond il-pjan li kien intbagħat fejn il-Kunsill ma kienx qabel fuqu. Is-Sindku s-Sibt filgħodu ċempel u komunika b'sms mal-perit ikkonċernat fejn qablu li jagħmlu meeting it-Tnejn filgħodu 20 ta' Mejju 2024. Dan kollu sar biex effettwa ħażin il-bdiewa, ir-residenti ta' l-akkwati u lil dawk kollha li jużaw l-akkwati għal ftit arja fejn ġew f'periklu kbir minħabba l-ammont kbir ta' traffiku li ġie diverted f'din l-akkwata. Fejn din l-akkwata li qabel kienet area fejn wieħed imur jimxi ftit u jieħu ftit arja pura saret bypass minn entita' tal-Gvern. Is-Sindku saħaq li l-prijorita' għandha tkun ir-residenti, l-bdiewa u kull min juża din l-area għall-passiġġata u mhux għall-vetturi. Għalhekk is-Sindku qal li issa qegħdin nistennew risposta mingħand it-Transport Malta biex din id-diversion terġa tiġi kif kienet kif kien ġie mfthiem oriġinarjament.

66.3.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-fuljett kommorattiv ta' l-aħħar ħames snin fejn issa lest u wasal ukoll il-Kunsill Lokali u li ser jibda jitqassam minn għada filgħodu u li jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jixtieq għhin fit-tqassim napprezzaw kull għajnuna.

### 66.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

66.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

### 66.5 Korrispondenza

66.5.1 Il-Kap tal-Minoranza staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000449 – Is-Sindku nfurmaha li dik kienet imejl dwar ilment fi Triq id-Dejqa fejn kienu qiegħdin jinħarġu xi pjanti f'nofs it-triq.

66.5.2 Il-Kap tal-Minoranza staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000464. Is-Sindku nfurmaha kif dik kienet imejl dwar il-problemi ta' parkeġġ wara li saru linji ġodda fi Trejqet Francis Anthony Fenech.

66.5.3 Is-Sinjura Farrugia xtaqet tkun taf x'inhi korripondenza numru 2024/000470. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmawha kif dik kienet imejl dwar ġebla li tħalliet fin-nofs ta' parkeġġ ta' M/C bay fi Triq Giuseppe Cali minflokk bollard li kien installat u fejn ġie milqut u mkisser. Il-Kunsill Lokali neħħha l-periklu billi ġabar il-bollard imkisser u neħħa l-ħadida li kien hemm, kif ukoll talab lil Transport Malta biex jerġa jsir il-bollard biex ma jipparkjawx karozzi iżda muturi biss iżda din l-approvazzjoni ma ġietx milqugħa.

66.5.4 Il-Kunsillier Calcedonio Cini xtaq ikun jaf x'inhi korrispondenza numru 2024/000474. Is-Sindku nfurmah kif din il-korrispondenza kienet imejl mingħand id-dipartiment tas-Sanita' wara li l-Kunsill kien irraporta li hemm ilma maħmuġ ħiereġ fi Triq Ramiro Barbaro.

66.5.5 Il-Kunsillier Calcedonio Cini xtaq ikun jaf x'inhi korrispondenza numru 2024/000482. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li din kienet imejl ukoll dwar l-ilment ta' ilma maħmuġ fi Triq Ramiro Barbaro.

66.5.6 Il-Kap tal-Minoranza staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000493 – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li dik kienet imejl dwar ilment fejn resident kien qiegħed jirrapporta li fi Triq Carmelo Farrugia hemm resident li qiegħed joħroġ ipejjep is-sigaretti fil-gallarija u wara jarmi dawn is-sigaretti fi triq.

66.5.7 Il-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tkun taf dwar x'inhi korrispondenza numru 2024/000513 - Din ukoll kienet imejl rigward il-problemi ta' parkeġġ wara li saru l-linji ġodda mit-Transport Malta fi Trejqet Francis Anthony Fenech.

## 66.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Finali għas-sena 2023

66.6.1 B'relazzjoni mal-*audit* li riċentament sar għas-sena 2023, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill, ir-Rapport Finanzjarju finali għal dik is-sena. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'permezz ta' imejl lis-Sindku u lill-kunsilliera.

66.6.2 Is-Sindku għamel spjegazzjoni fil-qosor dwar il-kontenut u l-figuri ta' dan ir-rapport. Wara s-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport diġa kien ġie ppreparat mill-accountant, pero dan ir-rapport kien għadu *unaudited* u mhux finali. Peress li l-awdituri rrakomandaw li jsiru xi aġġustamenti fuq l-*unaudited financial report* wara li sar il-fieldwork tal-audit, dan ir-rapport u l-kontenut kollu relatat miegħu għandu issa jerġa jiġi approvat bl-aġġustamenti li naturalment saru mill-accountant tal-kunsill fuq bażi ta' x'ġie rrakomandat mill-awdituri. Din hija parti mill-proċedura tal-*audit* li ssir għal kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lill-kunsilliera li jekk għandhom xi mistoqsijiet dwar dan ir-rapport hija ser tieħu nota tagħhom u tgħaddihom għall-attenzjoni tal-accountant. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

66.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv umbgħad kompliet tispjega kif l-awdituri għandhom bżonn 8 kopji ta' dan ir-rapport ffirmat u appena dan jiġi approvat ser jintbgħat minnufih lil Grant Thorton ħalli b'hekk umbgħad l-istadju li jmiss ikun li tinħareġ il-*managementt letter* fejn il-kunsill irid iwieġeb għaliha.

66.6.4 Il-Kunsill approva unanimament r-rapport finanzjarju finali fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia.

## 66.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

66.7.1.1 <u>Skema Ġonna fl-Urban</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill skema dwar xiri ta' siġar tal-larinġ jew żebbuġ, kif maħruġa mid-Dipartiment tal-Agrikultura. Il-Kunsill Lokali jista jibbenifika minimu ta' 50 siġra u għandu ċans japplika sal-31 ta' Mejju 2024.

66.7.1.2 Wara diskussjoni li saret il-Kunsill kollu finalment qabel li għandu japplika għal din l-iskema u ser japplika għal għaxar siġriet taż-żebbuġ u għaxar siġriet tal-larinġ biex dan ser jitpoġġew fil-ġnien Ċentru Rikreattiv u fl-area ta' Senna.

66.7.2.1 <u>Implementazzjoni ta' Single Yellow Line fi Trejqet Francis Anthonty Fenech</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill imejl mingħand TM mingħand il-perit Conti dwar talba mingħand resident biex jiġi mplementat single yellow line quddiem il-garaxx tiegħu, dan wara li saru s-sinjali f'din l-istess triq kif issuġġeriet minn Transport Malta skond il-pjanta tagħhom.

66.7.2.2 Is-Sindku qal li la Transport Malta injoraw is-suġġerimenti tal-Kunsill dwar xi tibdil fil-linji ġodda f'din it-triq, il-Kunsill iddeċieda li dwar din it-talba ta' implimentazzjoni ta' dan single yellow line il-Kunsill għandu bżonn aktar informazzjoni dwar dan il-garaxx iġifieri jekk hemmx permess li dan huwa garaxx.

66.7.3.1 <u>Rikors tal-appell ta' Galea Cleaning Solutions</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill kollu kif sar rikors ta' appell mingħand il-Kuntrattur Galea Cleaning Solutions rigward it-tender tal-knis numru LLC 05/2023 u kif ġie evalwat. Dan il-Kuntrattur kien diġa għamel appell

mal-Bord tal-Kuntratti u ma rebħux u għalhekk issa qed jagħmel rikors ta' dan l-appell li tilef mal-Qorti. Id-data tal-qorti hija 27 ta' Mejju 2024.

66.7.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hija ser iżżomm lil Kunsill Lokali nfurmat bl-iżvolġiment ta' dan il-każ u sintendi nfurmat kif qabel ma jintemm dan il-każ il-Kunsill ma jistax jipproċedi biex it-tender il-ġdid jingħata lil Kuntrattur ieħor. Għalhekk ukoll ser tibqa issir estenzjoni tas-servizzi tat-tindif u l-Knis mal-kuntrattur li għandu l-kunsill bħalissa. Il-Kunsillera ħadu nota ta' din l-komunikazzjoni.

66.7.4.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Evaluation Report Bulky Refuse</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni l-Evaluation Report rigward is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff. Hija qalet kif dan ir-rapport jispjega li b'kollox kien hemm erbgħa offerti u l-bord ssuġġerixxa li din it-tender tingħata lil l-irħas kuntrattur li f'dan il-każ kien ukoll kemm technically u financially complaint, li huwa Malta Recycle and Waste Collection.

66.7.4.2 Il-Kunsill approva li jmexxi bid-deċiżjoni tal-bord biex is-Segretarju Eżekuttiv tkun tista tkompli tiffinalizza l-proċedura onlajn fuq l-EPPS u anke tinforma lil bidders kollha b'din id-deċiżjoni.

66.7.5.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Tiġdid ta' Insurance tal-Van tal-Ħaddiema tal-Kunsill</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera kollha li hemm bżonn isir tiġdid ta' Insurance, liċenzja u VRT tal-Fiat Fiorino, il-vann tal-Kunsill tal-ħaddiema li ser jagħlaq fl-aħħar ta' Mejju 2024. Din l-ispiża filfatt hija mniżżla biex tiġi kkunsidratha u approvatha aktar il-quddiem f'din is-seduta fl-iskeda tal-pagamenti u spejjeż oħra.

66.7.5.2 Il-Kunsill ħa nota ta' din l-informazzjoni u approva li jsir it-tiġdid ta' dan il-vann kif inhu neċċessarju ħalli l-ħaddiema jkunu jistgħu jibqgħu joperawh bih.

66.7.6.1 <u>Update dwar Rotta 54 u 106</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill update dwar rotta 54 u 106. Hija spjegat kif wara meeting li kien sar mal-Malta public Transport, flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' Attard u Balzan, kemm il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan kif ukoll il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard ma aċċettawx li jsir tibdil fir-rotot. Malta Public Transport ġew infurmati diġa bil-kummenti tal-Kunsill ta' Ħal Balzan u ta' Ħ'Attard.

66.7.6.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

66.7.7.1 <u>Talba biex titneħħa Siġra ta' Eucaria fi Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>
Saret talba mingħand residenta li toqgħod fi Vjal it-Trasfigurazzjoni biex titneħħa siġra quddiem ir-residenza tagħhom li qiegħda tagħmel ħsara lil dawn ir-residenti.

66.7.7.2 Is-Sindku qal li kellem lir-residenti li għamlu din it-talba fejn spjega li l-aħjar azzjoni hija li l-ewwel il-Kunsill jitkellem mal-ERA dwar din it-talba biex tigwidana dwar xi jrid isir.

66.7.8.1 <u>Talba dwar bollard u Double Yellow Lines fi Triq Preziosi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda imejl rigward talba biex titweħħel bollard u jitwallu double yellow lines eżistenti fi Triq Preziosi. Dwar din il-materja hija ħalliet lis-Sa Farrugia Muscia biex tispjega aħjar.

66.7.8.2 Is-Sinjura Farrugia Muscia spjegat kif meta l-karozzi jipparkjaw f'din il-parti ta' triq qiegħdin jostakolaw it-triq b'konsegwenza li l-karozzi jagħfsu aktar fuq in-naħa tax-xellug b'konsegwenza li qiegħdin jitellaw fuq il-bankina u b'hekk qiegħdin ikisruha kull darba għalhekk hi qiegħda tissuġġerixxi li jitwalu double yellow lines u ssir bollard fuq din il-bankina. Is-Sindku spjega fejn dawn iż-żewġ talbiet għandhom jitressqu lil Transport Malta għall-approvzzjoni u l-parir tagħhom.

**Il-ħin kien 16:28pm x'ħin daħal fil-kamra l-kunsillier Joseph Zahra.**

66.7.9.1 Fuq nota oħra s-Sinjura Farrugia Muscia tkellmet ukoll fuq xi sinjali sofor li jinsabu fi Triq Mons. Joseph Fenech fejn spjegat li dawn is-sinjali jridu jerġaw jitneħħew biż-żebgħa sewda kif kien sar snin ilu, għaliex ir-resident li jipparkja quddiem il-garaxx tiegħu kull darba li jipparkja jibża' li jeħel ċitazzjoni.

66.7.9.2 Is-Sindku qal li rridu naraw x'permessi hemm ma' Transport Malta dwar dawn il-linji għaliex jekk jerġaw jitneħħew dawn il-linji min ser jissalvagwardja l-gallariji baxxi li jinsabu faċċata?

66.7.10.1 <u>Talba nstallazzjoni ta' żewġ sleeping policemen – Triq is-Salvatur</u>
Resident qed jagħmel talba biex fi Triq is-Salvatur jiġu installati żewġ sleeping policemen minħabba safety.

66.7.10.2 Wara li saret diskuzzjoni mill-Kunsill ġie deċiż li l-ewwel għandnu jikkonsulta lir-residenti fejn ġie propost li jsiru iż-żewġ sleeping police qabel ma ssir l-applikazzjoni.

66.7.10.3 Fuq nota oħra dwar Triq is-Salvatur il-Kap tal-Minoranza staqsiet meta ser jerġaw jiġu mplimentati s-sinjali f'parti minn din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif Infrastructure Malta qalulna li l-Kunsill Lokali għandu jibgħat pjanta tal-linji proposti għall-approvazzjoni tagħhom. Wara diskussjoni li saret is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia qalek li fi snin l-imgħoddija kien hemm diġà pjanta magħmula mill-perit tal-Kunsill u għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li għandna nsibu din il-pjanta qabel ma terġa ssir oħra.

## 66.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

66.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 5/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €49.70 għax-xahar ta' April.

66.8.2 Qabel ma tressqet għall-approvazzjoni finali din l-iskeda, s-Sindku tkellem dwar il-kontijiet li qed jirċievi mir-Reġjun fuq l-iskart, speċjalment fuq il-kont tal-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda. Huwa rrimarka kif il-kont ta' Marzu 2024 kemm għal ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda u kif ukoll għal kont tat-tipping fees tal-iskart organiku, fl-opinjoni tiegħu, it-tunnellaġi li hemm mniżla żgur ma jirriflettux verament l-ammont li propju ta' tunnellaġi li nġabru mir-raħal. Żgur li qed isir xi taħliet, jew inkella l-vann ma jidħolx vojt fir-raħal, specjalment meta tikkumpara l-prezzijiet tal-kontijiet li l-Kunsill ħallas għal Jannar u Frar. Xi ħaġa qed jiġri. Filfatt saru anke spezzjonijiet fuq il-post biex jiġi determinat għalfejn f'daqqa waħda l-ammont ta' tunnellaġ tal-iskart li qed jinġabar mir-raħal għola drastikament. Din is-sitwazzjoni tal-iskart filfatt ser tibqa tiġi moniterjata u wara diskussjoni li saret, il-Kunsill ġie fi konklużjoni li għalhekk mhux ser iħallas l-ammont totali ta' pagamenti numri 13 u 14 iżda ser iħallas average fuq il-prezzijiet li l-kunsill kien ħallas fi Jannar u Frar ta' 2024, kemm għal ġbir tal-iskart u kif ukoll għat-tipping fees.

66.8.3 Pagamenti numri 49 u 50, li jirreferi għal kontijiet mir-Reġjun Lvant dwar il-ġbir tal-iskart u tipping fees għal April 2024, ser jitħalsu kollha. Il-Kunsill xorta rrimarka kif bħala ammonti huma ftit għoljin pero mhux daqs Marzu lanqas.

66.8.4 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 5/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Jospeh Zahra li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha minbarra il-kwistjoni dwar ħlasijiet numri 13 u 14. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 66.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

66.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm. Il-Kunsilliera ġew nfurmati biss li l-appell dwar PA00973/23 dwar LGP tanks fi Triq Robert Mifsud Bonniċi ser jinstema fis-6 ta' Ġunju 2024 fi 14:30pm. Min jrid jista jidħol onlajn isegwi dakinhar.

## 66.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

66.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

66.10.2 Is-Sinjura Lorraine Farrugia Muscia xtaqet tagħmel talba għal doggy bin fi Triq Santa Mansweta kantuniera ma' Triq San Liċinju. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv spjegaw kif għandu l-ewwel jerġa jitwaħħal id-doggy bin fl-istess akwata fi Triq Kardinal Ferretti fejn is-substation tad-dawl fejn diġa kien u naraw kif imorru minn hemm.

66.10.3 Il-Ħin kien 5:00pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-12:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv